**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**
Segretarjat Ġenerali

**Brussell, 28 ta' Frar 2024**

**CM 1809/24**

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2023/0199(COD)**
**2023/0200(COD)**
**2023/0201(APP)**

**CODEC**
**CADREFIN**
**POLGEN**
**FIN**
**COEST**
**UA PLATFORM**
**ELARG**
**NDICI**
**RELEX**
**ECOFIN**
**PROCED**
**TELECOM**
**CYBER**
**COMPET**
**RECH**
**CLIMA**
**ENV**
**INDEF**
**POLMIL**
**SOC**
**COH**

# KOMUNIKAZZJONI

## PROĊEDURA BIL-MIKTUB

| | |
|---|---|
| Kuntatt: | codecision.adoption@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32.2.281.4085 |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<br>Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna (**l-ewwel qari**)<br>Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (**l-ewwel qari**)<br>Eżitu tal-proċedura bil-mktub li bdiet b'CM 1808/24<br>– Adozzjoni tal-atti leġiżlattivi<br>– Approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet<br>**= TMIEM TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB** |

Delegations are informed that the written procedure, opened by CM 1808/24 of 28 February 2024 and prolonged by CM 1808/1/24 REV 1 was completed on 28 February 2024 at 17h42 and that:

1. All delegations voted in favour of the adoption of the draft Council Regulation amending Regulation (EU, Euratom) 2020/2093 laying down the multiannual financial framework for the years 2021-2027, as set out in ST 5818/24 + REV 1 (it) + COR 1 (it) + COR 2 (de).

   The required unanimity has been reached. Therefore, the above act is adopted.

2. All delegations voted in favour of the approval of the accompanying draft joint statement by the European Parliament, the Council and the Commission and of the draft Council statements set out in ST 6712/24 ADD 1.

   The required unanimity has been reached. Therefore, the above accompanying statements are approved.

3. All delegations voted in favour of, except for Hungary that abstained, the adoption of the draft Regulation of the European Parliament and of the Council establishing the Ukraine Facility, as set out in PE-CONS 10/24.

   The required qualified majority has been reached. Therefore, the above act is adopted.

4. All delegations voted in favour of, except for Hungary that abstained, the approval of the accompanying draft joint statement by the European Parliament and the Council and of the draft joint statement by the European Parliament, the Council and the Commission set out in ST 6712/24 ADD 2.

   The required qualified majority has been reached. Therefore, the above accompanying statements are approved.

5. All delegations voted in favour of, except for Germany that abstained, the adoption of the draft Regulation of the European Parliament and of the Council establishing the Strategic Technologies for Europe Platform ('STEP'), and amending Directive 2003/87/EC and Regulations (EU) 2021/1058, (EU) 2021/1056, (EU) 2021/1057, (EU) No 1303/2013, (EU) No 223/2014, (EU) 2021/1060, (EU) 2021/523, (EU) 2021/695, (EU) 2021/697 and (EU) 2021/241, as set out in PE-CONS 11/24.

   The required qualified majority has been reached. Therefore, the above act is adopted.

The statements by the European Commission and by the Member States are reproduced in the Annex to this CM.

The above statements will be included in the summary of the acts adopted by written procedure as statements to be entered in the Council minutes, in accordance with the third subparagraph of Article 12(1) of the Council's Rules of Procedure.

**ANNESS**

**Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prerogattivi istituzzjonali tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit fil-qafas tal-Faċilità għall-Ukrajna**

Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 17 tat-TUE u l-Artikolu 317 tat-TFUE, l-implimentazzjoni tal-baġit tibqa' r-responsabbiltà tagħha stess u hija parti mill-prerogattivi istituzzjonali tagħha skont it-Trattati. Hija tqis li d-deċiżjonijiet relatati mal-pagamenti lill-Ukrajna taħt il-Faċilità tal-Ukrajna jappartjenu għal tali implimentazzjoni tal-baġit.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li t-test maqbul mill-koleġislatur jipprevedi deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 291 TFUE għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri. Hija tqis li s-soluzzjoni maqbula mill-koleġiżlatur tista' tiġi ġġustifikata b'mod eċċezzjonali fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-Faċilità tal-Ukrajna – strument uniku fuq terminu medju ta' importanza ġeopolitika kbira adattat għall-inċertezza u l-isfida bla preċedent ta' appoġġ lil pajjiż fi gwerra b'implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà tal-Unjoni.

Jenħtieġ li din is-soluzzjoni ma titqiesx bħala preċedent għal kwalunkwe programm ta' nfiq ieħor tal-Unjoni.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Skont id-Deċiżjoni Nru 13/2018 u d-Deċiżjoni 15/2021 tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-terminu "ġeneru" fis-sistema legali nazzjonali jirreferi għaż-żewġ sessi – femminili u maskili – li huma bijoloġikament definiti.

Għalhekk, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, fid-dispożizzjonijiet legali kollha li jirreferu għat-terminu "ugwaljanza bejn il-ġeneri", il-Bulgarija tqis it-terminu bħala "ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", kif stipulat fil-valuri komuni għall-Istati Membri (skont l-Artikolu 2 TUE).

**Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241**

**Dikjarazzjoni konġunta minn Ċipru, il-Greċja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Ungerija**

Ċipru, il-Greċja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u l-Ungerija jieħdu nota tad-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 14, il-paragrafu (3) li temenda l-Artikolu 135 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 [RDK] billi tistabbilixxi li r-riżorsi rimborżati mill-Kummissjoni bħala pagamenti interim fl-2025 ma għandhomx jaqbżu l-1 % tal-approprjazzjonijiet tal-programm għal kull fond u l-ammonti li jaqbżu dak il-perċentwal ma għandhomx jitħallsu fis-snin sussegwenti iżda jintużaw biss għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament. Barra minn hekk, nieħdu nota tal-premessa 26 li tiddikjara li l-pagamenti fl-2025 għandhom jiġu limitati "sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni soda tal-baġit tal-UE u rispett għal-limiti massimi tal-pagamenti".

Nesprimu tħassib li dispożizzjoni bħal din tista' twassal għan-nuqqas ta' rimborż, abbażi ta' raġunijiet baġitarji, ta' riżorsi ta' koeżjoni li jkunu ntefqu regolarment, u b'mod partikolari jpoġġu f'riskju r-rimborżi lill-aktar territorji fraġli. Nissottolinjaw li tali limitu massimu għandu jkun eċċezzjonali, fid-dawl tas-sitwazzjoni straordinarja attwali fuq in-naħa tal-pagamenti, u ma għandux jitqies bħala preċedent għall-ġestjoni futura tar-riżorsi ta' koeżjoni.

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Iżvezja**

L-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja jissottolinjaw li l-kamp ta' applikazzjoni u l-bidliet li saru fil-programmi eżistenti huma straordinarji, limitati għall-perjodu mill-2024 sal-2027, u ma jippreġudikawx il-programmi u r-regoli baġitarji fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027. Barra minn hekk, huwa bi tħassib li ninnutaw l-ambitu mwessa' ta' STEP u l-konsegwenzi tiegħu għall-effettività tal-istrument.